# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 55

Il-Tlieta 8 ta' Novembru 2011 fis-6.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar, fis-6.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, l-Vici Sindku, w l-Kunsillieri, Vincent Farrugia, Peter Buontempo, Raymond Azzopardi u Mario Camenzuli.

Valerie Borg kienet skużata – għaliex kienet ma jiflaħx.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 54 li saret nhar It-Tlieta 25 ta' Ottubru, 2011, kienu konfermati.

Is-seduta ġiet sospiża minħabba kelliem min AP Perit, li gie jagħti presentazjoni lil kunsill regward proposta ta' Parkeġġ addizjonali fil-Belt Valletta kif ukoll entratura ġdida min Triq Nofs in-Nhar. Wara li għamel l-presentazjoni l-kunsillieri kellhom ħin għal xi mistoqsijiet.

**ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

- Is-Sindku nforma li ngħata t-tarmac fi Triq San Pawl bejn Hospital Street w Archbishop street. Issa jonqos il-lava ta' St. Christopher street. Nota li tqajmet kien dwar il-Lava ta' bejn Christopher u Archbishop street. Peress li l-VRP ma kellhomx lava ta' dak il-qis, gie deċiż li titgħatta bi-tarmac, wara li saret saff prottetiv.

- Is-Sindku nforma li issa ser jibdew il-proċeduri neċessarji biex tinbeda Triq San Nikola.

- IS-Sindku nforma dwar ir-rotta l-ġdida ta' l-Arriva. Għandha tintbagħt ittra lir-resdienti bid-dettalji l-ġodda.

- Is-Sindku nforma li xogħol fil-blokkok tal-housing miexi b'ritmu tajjeb. Saret laqgħa dwar l-iskema tas-sena d-dieħla w gew infumata bit-tibdil. Fil-Fuljet li jmiss ser ikun hemm l-applikazzjonijiet neċesssarji għar-residenti.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

- Is-Sindku nforma dwar l-arrangamenti mal-GO u mal-MaltaPost. Dawn iż-żewġ kumpaniji ser ikollhom l-armar fi Pjazza l-Assedju. Il-GO plc għamlu l-arrangamenti mal-kumunita kummerċjali ta' Triq ir-Republika. Il-MaltaPost id-diskutew mas-Sindku l-possibilita' ta' Chritmas Hut ta' l-injam.

- Is-Sindku nforma li ser ikun hemm Sigra magħmula min boċċi tal-ħġieġ. Dan b'għan filantropiku, biex jinġabru fondi għal *Community Chest Fund.*

- Is-Sindku nforma dwar l-ħanut abbandunat fi Triq it-Teatru ma Triq San Pawl. Il-Pulizija ser tieħu azzjoni u s-shutter ser jiġi rrangat.

- Is-Sindku nforma dwar is-sehem tal-Kunsill fil-President's fun run. Fil–FunRun ser jieħdu sehem, iż-żewġ baned ewlenin tal-Belt, La Valetta w l-King's Own kif ukoll il-banda tal-ground u t-team tal-Belt. Lkoll ser jilqgħu lil dawk li qed jieħdu sehem bi briju.

- Is-Sindku nforma li ser tissewa l-katusa li hemm tagħti għat-taraġ ta' taħt is-Sala tal-Mediterran. Din kienet qed tkun ta' periklu għal dawk li jużaw dak it-taraġ speċjalment meta tkun ix-xita.

**KORRISPONDEZA**

- Rċevejna talba biex isiru Electronic Bill Boards fil-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab aktar informazzjoni dwar il-pozizzjoni li dan qed jipproponi.

**TMIEM**

Fil-7.30pm intemmet is-Seduta.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku